Co-funded by
the European Union

# youthIES

# Training Pack for Youth Workers - ACTIVITIES



friends of the earth malta
Institute of Entrepreneurship Development iED
RESET
réseau tandemplus
Education Agency for Development and Innovation IDEA
SOCIAL ENTERPRISES

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ - ATTIVITAJIET**

**Modulu:** Settur tat-Trasportazzjoni Sostenibbli u Nadif għal Futur Aħdar

WERREJ


L-1 ATTIVITÀ – WORKSHOP FUQ L-IVVJAĠĠAR BIR-ROTA....2
ĦARSA ĠENERALI....2
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....2
STRUZZJONIJIET....2
MATERJALI REKWIŻITI....3
IT-2 ATTIVITÀ –SFIDA GĦALL-IDDISINJAR TA' TRASPORTAZZJONI SOSTENIBBLI....4
ĦARSA ĠENERALI....4
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....4
STRUZZJONIJIET....4
MATERJALI REKWIŻITI....5
IT-3 ATTIVITÀ –L-IDDISINJAR TA' BELT SOSTENIBBLI GĦALL-FUTUR....7
ĦARSA ĠENERALI....7
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....7
STRUZZJONIJIET....7
MATERJALI REKWIŻITI....8

# L-1 ATTIVITÀ – WORKSHOP FUQ L-IVVJAĠĠAR BIR-ROTA

## ĦARSA ĠENERALI

Dan il-workshop komprensiv iservi ta’ esperjenza immersiva ddisinjata biex timmprwovi b’mod ippassjonat u teduka l-parteċipanti fuq il-benefiċċji trasformattivi tal-ivvjaġġar bir-rota. Billi jitfa’ dawn fuq iċ-ċikliżmu bħala mod ta’ trasportazzjoni li jiffavorixxi l-ambjent u li hu tajjeb għas-saħħa, dan il-workshop ifittex li jrawwem fehim aktar profond tal-vantaġġi varji taċ-ċikliżmu. Din is-sessjoni, filwaqt li tenfasizza l-irwol kruċjali tar-roti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u biex tippromwovi benesseri fiżikali, taspira biex tispira bidla radikali lejn soluzzjoni ta’ mobbiltà urbana sostenibbli.

## OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

- L-akkwist ta’ fehim profond tal-benefiċċji bla qies assoċjati mal-użu tar-roti għall-ivvjaġġar, li jvarjaw minn titjib tas-saħħa personali u l-preservazzjoni tal-ambjent.
- L-akkwist ta’ ħiliet prattiċi li jvarjaw mill-manutenzjoni tar-roti, protokolli ta’ sigurtà, u pjanar ta’ rotot ta’ vjaġġar, li jiffaċilitaw tranżizzjoni bla xkiel għall-ivvjaġġar bir-rota.
- Tul ta’ żmien stmat: sagħtej u għaxar minuti

## STRUZZJONIJIET

<u>L-1 Stadju - Introduzzjoni għall-Ivvjaġġar bir-Rota (20 minuta)</u>

- Mexxi diskussjoni robusta li titfa’ dawl fuq il-vantaġġi olistiċi taċ-ċikliżmu għall-ivvjaġġar, u enfassizza l-impatt pożittiv fuq is-saħħa fiżika personali u l-irwol tas-sewqan tar-roti għal ambjent aktar nadif.

- Utilizza statistiċi li jħallu impatt u stejjer ta’ suċċess minn bliet li integraw b’suċċess u ppromovew is-sewqan tar-roti bħal mod vijabbli ta’ trasportazzjoni.

<u>It-2 Stadju - Il-Manutenzjoni tar-Roti u Dimostrazzjoni tas-Sigurtà (30 minuta)</u>

- Iffaċilita sessjoni interattiva hands-on li tispjega tekniċi fundamentali tal-manutenzjoni tar-roti, li tinkludi tiswija tar-roti tar-rota, lubrikazzjoni tal-katina, u verifikazzjoni komprensiva tas-sigurtà.
- Uri l-użu korrett ta’ tagħmir ta’ sigurtà, u enfasizza l-irwol kruċjali ta’ elmi u ġkieket riflettivi fl-iżgurar tas-sigurtà ta’ min jirkeb ir-roti.

It-3 Stadju - L-Ippjanar tar-Rotot u Riżorsi (30 minuta)

- Offri gwida komprensiva fuq l-ippjanar metikoluż tar-rotot, in-navigazzjoni effettiva tal-korsiji tar-roti, u l-aċċess ta' riżorsi lokali li jippermettu esperjenzi ta' sewqan bir-roti siguri u pjaċevoli.
- Introduċi lill-parteċipanti għal apps innovattivi speċifikament iddisinjati biex jiffaċilitaw l-ippjanar u n-navvigar tar-rotot (bħal Strava, Komoot, Ride with GPS, MapMyRide, BikeMap, eċċ.)

Ir-4 Stadju - Vjaġġar fi Gruppi (50 minuta)

- Prova, jekk huwa loġikament fattibbli, li torkestra u tissorvelja dawra bir-roti f'grupp f'ambjent sigur predeterminat.
- Inkoraġġixxi parteċipazzjoni attiva sabiex tippermetti li l-parteċipanti japplikaw ħiliet akkwistati u miżuri ta' sigurtà f'kuntest prattiku.

MATERJALI REKWIŻITI

- Roti allokati għall-iskopijiet ta' dimostrazzjoni u dawra bir-rota tal-grupp.
- Tagħmir ta' sigurtà essenzjali, inkluż elmi u ġkieket riflettivi, kemm għal skopijiet ta' dimostrazzjoni u użu prattiku.
- Għodda neċessarji għal attivitajiet ta' manutenzjoni bażika tar-roti (lubrikanti tal-katina, żejt, għodda għall-katina, pompa, patch kit, hex wrench set)
- Mapep jew riżorsi faċilment aċċessibbli li jiffaċilitaw l-ippjanar u n-navigazzjoni effettiva tar-rotot.

# IT-2 ATTIVITÀ –SFIDA GĦALL-IDDISINJAR TA’ TRASPORTAZZJONI SOSTENIBBLI

## ĦARSA ĠENERALI

Din l-isfida ta’ disinjar interattiv u hands-on toffri lill-parteċipanti żgħażagħ ambjent dinamiku fejn jistgħu jikkonċettwalizzaw u joħolqu soluzzjonijiet innovattivi għal trasportazzjoni sostenibbli. Din l-attività, li hija mmirata biex trawwem ħsieb kreattiv u ħiliet li jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi, issaħħaħ l-individwi biex jindirizzaw sfidi kontemporanji ta’ vjaġġar urban filwaqt li tippromwovi għażliet ta’ mobbiltà li jiffavorixxu l-ambjent.

## OBJETTIVI TA’ TAGĦLIM

- Żieda fl-għarfien fost il-parteċipanti dwar l-impatti ambjentali ta’ metodi ta’ vjaġġar konvenzjonali u enfasi fuq is-sinifikat ta’ alternattivi ta’ trasport li jiffavorixxu l-ambjent.
- It-trawwim ta’ ħidma fi grupp u kollaborazzjoni fost il-parteċipanti sabiex toħloq sinerġija bejn perspettivi diversi u tiġġenera ideat innovattivi biex tilqa’ għall-bżonnijiet ta’ trasportazzjoni sostenibbli.
- It-trawwim ta’ mentalità ffukata fuq prinċipji ta’ disinjar sostenibbli, b’enfasi fuq l-integrazzjoni ta’ riżorsi rinovabbli, marka ekoloġika minima, u l-użu effiċjenti tal-ispazju.
- Tul ta’ żmien stmat: sagħtejn u għoxrin minuta

## STRUZZJONIJIET

L-1 Stadju - Introduzzjoni għat-Trasportazzjoni Sostenibbli (15-il minuta)

- Ibda b’diskussjoni illuminanti li tindika s-sinifikat kruċjali tat-trasportazzjoni sostenibbli. Enfasizza l-irwol pivotali ta’ dan fit-tnaqqis tal-impatti ambjentali filwaqt li telenka l-bżonn għal soluzzjonijiet innovattivi.
- Itfa’ dawl fuq ir-reperkussjonijiet ambjentali tal-prattiċi attwali tal-ivvjaġġar, u offri raġunament konvinċenti għall-isfida tad-disinjar.

It-2 Stadju - Dimostrazzjoni fuq l-Isfida tal-Iddisinjar (20 minuta)

- Introduċi t-tema tal-isfida tal-iddisinjar: Il-ħolqien ta’ soluzzjoni ta’ trasportazzjoni sostenibbli għal vjaġġar urban b’impatti ambjentali minimi.

- Dur il-linji gwida, u enfasizza l-integrazzjoni tal-enerġija rinovabbli u emissjonijiet baxxi.
  Linji Gwida:
  - Riduzzjoni t'Impatti Ambjentali
  - L-Integrazzjoni ta' Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija
  - Emissjonijiet Minimali
  - Disinji li Jutlizzaw l-Ispazju b'mod Effiċjenti
  - Aċċessibbiltà u Inklussività
  - L-Integrazzjoni fi ħdan Infrastruttura Eżistenti
  - Innovazzjoni Teknoloġika

<u>It-3 Stadju – L-Iddisinjar u l-Ħolqien ta' Prototipi (60 minuta)</u>

- Aqsam il-parteċipanti fi gruppi żgħar u żgura li hemm diversità u kollaborazzjonijiet fit-timijiet.
- Ipprovdi materjali għad-disinjar u spazju għall-gruppi sabiex jagħmlu brainstorming u jfasslu s-soluzzjoni ta' trasport tagħhom.
- Inkoraġġixxi l-utilizzzazzjoni ta' materjali riċiklabbli jew oġġetti użati għal skop differenti minn dak oriġinarjament intenzjonat għalihom għall-ħolqien ta' prototipi.
- Iffaċilita d-diskussjonijiet u skambju ta' ideat fost il-parteċipanti.

<u>Ir-4 Stadju – Preżentazzjoni u Evalwazzjoni (30 minuta)</u>

- Kull grupp għandu jippreżenta s-soluzzjoni ta' trasport tiegħu. Inkoraġġixxi ċarezza, kreattività, u enfassizza l-aspetti sostenibbli u l-impatti potenzjali tagħhom.

- Iffaċilita sessjoni ta' feedback fejn il-parteċipanti jevalwaw id-disinji ta' gruppi oħra. Inkoraġġixxi diskussjonijiet, għarfien, u tagħlim kollaborattiv.

<u>Il-5 Stadju – Sommarju (15-il minuta)</u>

- Erġa' agħti titwila lit-tagħlimiet prinċipali tas-sessjoni, filwaqt li tenfasizza l-importanza ta' traportazzjoni sostenibbli u soluzzjonijiet innovattivi.
- Inkoraġġixxi lill-parteċipanti biex jirriflettu fuq l-esperjenzi tagħhom waqt l-isfida, u itfa' dawl fuq dak li tgħallmu u kif dan jista' jinfluwenza l-approċċ tagħhom għall-għażliet ta' trasportazzjoni fil-futur.

MATERJALI REKWIŻITI

- Karti
- Markers
- Kartun
- Plastik riċiklabbli

- Tubi tal-kartun
- Żebgħa
- Kolla

Co-funded by the European Union

IT-3 ATTIVITÀ –L-IDDISINJAR TA’ BELT SOSTENIBBLI GĦALL-FUTUR

ĦARSA ĠENERALI

Din l-attività timmira biex tinvolvi l-parteċipanti f’esplorazzjoni kreattiva u interattiva ta’ trasportazzjoni sostenibbli u nadifa għal futur aktar aħdar. Il-parteċipanti se jiġu inkarigati biex jiddisinjaw belt sostenibbli billi jiffukaw fuq is-settur tat-trasportazzjoni, u juru kif it-trasportazzjoni sostenibbli u nadifa tista’ tikkontribwixxi għal futur aktar aħdar. Din l-attività se sservi t’introduzzjoni għall-importanza tat-trasportazzjoni sostenibbli fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-promozzjoni ta’ komunitajiet aktar f’saħħithom, u għall-ħolqien ta’ bliet aktar reżiljenti.

OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

- Il-fehim tal-importanza tat-trasportazzjoni sostenibbli fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-promozzjoni ta’ futur aħdar.
- L-akkwist t’għarfien dwar modijiet differenti ta’ trasportazzjoni sostenibbli u l-benefiċċji tagħha.
- L-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet kreattivi u innovattivi għal trasportazzjoni sostenibbli f’kuntest ta’ belt.
- Tul ta’ żmien stmat: sagħtejn u kwart

STRUZZJONIJIET

<u>L-1 Stadju – Preparazzjoni (15-il minuta)</u>

- Aqsam il-parteċipanti fi gruppi ta’ 3-4 membri kull wieħed.
- Kull grupp se jingħata mappa ta’ belt u sett t’għażliet għal trasportazzjoni sostenibbli (e.ż. korsiji tar-roti, trasport pubbliku, vetturi elettriċi, eċċ.).

<u>It-2 Stadju - Fażi ta’ Disinjar ta’ Trasportazzjoni Urbana Sostenibbli (siegħa u nofs)</u>

- Il-gruppi se jingħataw l-inkarigu li jiddisinjaw sistema ta’ trasportazzjoni sostenibbli għall-belt tagħhom, waqt li jikkunsidraw fatturi bħal densità tal-popolazzjoni, fatturi ġeografiċi, u infrastruttura eżistenti.

It-3 Stadju –Preżentazzjoni tal-eżitu (30 minuta)

- Kull grupp se jippreżenta d-disinn tiegħu lill-bqija tal-parteċipanti u jispjega r-razzjonal wara l-għażliet tiegħu u kif id-disinn tiegħu se jikkontribwixxi għal futur aħdar.
- Wara l-preżentazzjonijiet, il-parteċipanti se jivvutaw għall-aktar disinn ta' trasportazzjoni innovattiv u sostenibbli.

MATERJALI REKWIŻITI

- Mappa tal-belt
- Sett ta' għażliet ta' trasportazzjoni sostenibbli (e.ż. korsiji għar-roti, trasport pubbliku, vetturi elettriċi, eċċ.)
- Markers jew pinen għat-tpinġija tas-sistema ta' trasportazzjoni
- Karti għall-preżentazzjonijiet
- Materjali għall-ivvutar (e.ż. sticky notes, karti għall-voti)

Co-funded by the European Union

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]